# Beati u Qaddisin....Jannar

1 ta' Jannar

Solennita' ta' Marija Ssma, Omm Gesu'

Marija. bint Adam, wara t-tahbira tal-kelma divina mill-anglu Gabirjiel, saret omm Gesu'. Minghajr ma kienet imtebbgha bid-dnub, hija ssottometiet ir-rieda taghha ghall-volonta' t'Alla, kkonsagrat lilha nfisha lil Alla u hadet sehem fil-pjan tas-salvazzjoni divina ghall-bniedem ferut bil-htija tad-dnub. Fil-Koncilju ta' Efesu fis-sena 431 fejn giet ikkonfermata n-natura divina u umana ta' Kristu giet ukoll affermata il-maternita' divina taghha.



Din is-solennita' ta' Marija, Omm Alla hija l-ewwel festa marjana li dehret fil-Knisja occidentali madwar is-seklu VI. Kienet maghrfua bhala "gheluq il-gimgha tal-Mulej" bhala tifkira tar-rit tac-cirkoncisjoni ta' Gesu', mizmum tmient ijiem wara it-twelid tieghu

skond il-ligi lhudija.

Ir-riforma tal-kalendarju mexxiet din il-festa ghal- 10 ta' Jannar u limis-sena 1931 kienet tigi ccelebrata fil-11 ta' Ottubru bhala rikordju tal-Koncilju ta' Efesu li ippromulga din il-verita' tant ghal qalb l-insara.: Marija hija tassew Omm Kristu, l-Iben t'Alla, mwieled minn Omm Vergni, Marija.

Marija dejjem kienet qrib Gesu' sa minn tfulitu. Wellditu, rabbietu u meta wasal iz-zmien li Gesu' jitlaq ghall- missjoni pubblika tieghu, anqas abbandunatu. Kien hemm mumenti meta kienet hdejh. Hemm hi kienet ma' gembu fit-tieg ta' Kana, marret tarah meta kien jippridka, u kienet taht is-salib tieghu tipprova twennsu fl-agunija tieghu. Meta qam mill-imwiet, bla dubju ta' xejn, issa kien Gesu' stess li deher li ommu biex ifferraha.

Nitolbu lil Marija biex hija tintercedi ghalina halli nghixu f'ghaqda shiha ma Binha Gesu'